# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Seduta tal-lum, il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025**

**Każ numru: 17 /2025 BS**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-vs-**

**Michael Refalo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta Michael Refalo ta' erbgħa u tletin (34) sena, bin Louis u Eucharista xebba Xiberras, imwieled Westmead ġewwa l-Awstralja, nhar l-erbatax (14) t'April tas-sena elf disgħa mija u disgħin (1990), residenti 52, Triq San Guzepp, Xagħra, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0184200L. li qed jiġi akkużat li ;

Nhar is-sitta u għoxrin (26) ta’ Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta’ bejn is-siegħa u kwart (13:15hrs) ta’ wara nofsinhar u is-sagħtejn (14:00hrs) ta’ wara nofsinhar ġewwa Triq San Guzepp, Xagħra, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ **Joseph Bajada** f’perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Joseph Bajada**, u ċioe’ offiża ta’ natura gravi;

2. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja lil **Joseph Bajada** b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta’ **Joseph Bajada** sabiex jinġurja, idejjqu jew jagħmel ħsara lilu jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

4. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b’xi modijiet oħrajn mhux imsemmijin band’oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ **Joseph Bajada** billi toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Intalbet ukoll li f’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi kif ukoll sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti tagħtu żmien jerġa’ jaħsibha barra mill-awla fil-preżenza tad-difensur legali tiegħu u spjegatlu l-konsegwenzi tar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi dokumentarji ppreżentati mill-Prosekuzzjoni, issib li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati kontra l-imputat, il-fedina penali tiegħu, kif ukoll il-fatt li l-ammissjoni saret fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri.

In vista ta' dak iddikjarat mid-difiża waqt it-trattazzjoni tal-piena il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħti l-aħħar opportunita` lill-imputat sabiex, jekk irid, joqgħod 'il bogħod mill- kriminalita` u għalhekk se tkun qed timponi fuqu sentenza ta' priġunerija sospiża, sabiex l-imputat jibqa' għaddej fil-ħajja lavorattiva tiegħu u jibqa' jieħu ħsieb il-ġenituri tiegħu 'il bogħod mill-kriminalita` .

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 202(e), 214, 215, 216, 222A(7), 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Michael Refalo** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal sentejn priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien erbgħa (4) snin mil-lum.

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-ħati, Michael Refalo bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn (2) imsemmija aktar 'il fuq issir waħda effettiva.

In oltre qed takkorda t-talba għal ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fil-konfront ta' Joseph Bajada liema ordni hija annessa ma din is-sentenza u tagħmel parti integrali minnha.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jintbagħtu lil Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur